MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Numru 619/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Norbert Ciappara**
v

**RODERICK VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RODERICK VELLA** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Francis u Helen nee Sciberras, imwieled Pieta nhar l-ewwel ta' Lulju 1978 u joqghod 'Flamingo House', Triq Agostino Randon, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita numru 307178M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-hamsa ta' Settembru 2000 u fl-ahhar granet qabel din d-data, f'dawn il-Gzejjer,

a. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-

pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu personali tieghu.

b. Talli fil-hamsa ta' Settembru 2000 gewwa Triq B'Bugia, Hal Tarxien, ghall-habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' WPS 45 Marisa Bartolo, PC 10 Trevor Cassar Mallia, PC 1099 Charles Farrugia u WPC 146 Joanne Scicluna, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond l-ligi minn awtorita kompetenti;

c. Tallii fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hebb jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' WPS 45 Marisa Bartolo, PC 10 Trevor Cassar Mallia, PC 1099 Charles Farrugia u WPC 146 Joanne Scicluna, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

d. Talli fil-hamsa ta' Settembru 2000 fi Triq B'Bugia, Hal Tarxien, ghall-habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAS 669 b'manjiera perikoluza, negligenti, traskurata u bla kont u talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu;

e. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas lli jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2000 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) markat bhala dokument CSH a fol 18 tal-atti processwali sabiex din il-kawza tinstemgha quddiem il-Qorti bhala wahda ta' gudikatura kriminali.

Rat il-verbal taghha tas-sitta w ghoxrin ta' April 2004 fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'ghandhix aktar provi.

Rat li wara li gew moqrija l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmintax ta' Mejju 2004, l-imputat ddikjara fis-seduta tad-dsatax ta' Mejju 2004, li hu ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u ezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq ix-xhieda li kienu diga mismugha qabel mal-atti gew rregolarizzati permezz tar-rinviju tal-wiehed u ghoxrin ta' April 2004.

Rat li l-partijiet irrimettew ruhhom ghal atti processwali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat dwar l-akkuza ta' pussess semplici kif verbalizzata mill-Avukat Difensur tieghu nhar s-sbatax ta' Marzu 2004.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fl-udjenza tas-sbatax ta' Marzu 2004 kif wkoll fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' April 2004.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar l-hamsa ta' Ottubru 2000 xehed l-Ispettur Norbert Ciappara** kif jirrizulta a fol 15 et seq tal-atti odjerni fejn qal li huwa kien ircieva informazzjoni kunfidenzjali li go Pet Shop fi Triq B'Bugia, Hal Tarxien kien qed isir xi traffikar ta' droga. Hu ghalhekk baghad numru ta' Pulizija sabiex jsegwu l-passi tal-imputat. F'hin

minnhom, il-Pulizija raw lil imputat u appena rahom rikeb fil-karozza u saq fid-direzzjoni taghhom u harab. Saret tfittxija fil-hanut tieghu u minn hemm gew elevati numru ta' oggetti wzati konnessi mat-tehid tad-droga, fosthom diversi qratas, foil b'marki ta' foil, mizien elettromanjetiku, note pad, kapsuli u xi trab kannella. Meta l-Ufficjal staqsa lil imputat jittraffikax fid-droga, l-imputat ma wegibx kif kellu kull dritt li jaghmel ghalkemm ammetta li kien user. Meta staqsih ghaliex kien harab lil Pulizija, l-ewwel jghid ghaliex kellu d-droga fuqu w imbaghad jghid ghax ma kienx rahom.

**Illi nhar l-hamsa ta' Ottubru 2000 xehdet WPC 45 Marisa Bartolo** kif jirrizulta a fol 21 et seq tal-atti fejn qalet li appena rat lil imputat dan saq ghal fuqha bil-vettura tieghu li kienet tal-ghamla Skoda bin-numru ta' registrazzjoni DAK 669 u ghal ftit ma tajjarx lilha u lil xi Ufficjali ohra. Hija flimkien ma PC 10 Trevor Cassar Mallia u PC 1099 Charles Farrugia, ghamlu *search* fil-hanut tal-imputat u elevat diversi oggetti wzati in konnessjoni mad-droga fosthom xi karti, iqmass, mus, sachets, pilloli u meta gie mistoqsi minnha jekk kienx hu li kien issilja s-sachets, l-imputat wiegeb fin-negattiv.

**PC 10 Trevor Cassar Mallia, PC 1099 Charles Farrugia u WPC 146 Joanne Scicluna lkoll ikkonfermaw** il-versjoni tal-fatti kif spjiegati minn WPC 45 Marisa Bartolo.

Il-Qorti kienet innominat lil Ispizjar Mario Mifsud nhar il-hamsa ta' Ottubru 2000 sabiex jezamina l-oggetti li gew elevati mill-fond u li generalment jintuzaw fid-droga. Illi skond r-relazzjoni tieghu markata bhala dokument "MM" esibita fl-atti a fol 43, jirrizultaw is-segwenti u cioe li kien hemm sebgha w ghoxrin qartas li kellhom net totali ta' 3.000g Eroina, li hija sustanza kontrollata bil-ligi taht l-ewwel skeda Taqsima 1 tal-Kap 101 tal-Ligiijet ta' Malta.

**L-imputat kien irrilaxxja stqarrija** nhar s-sitta ta' Settembru 2000 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat ammetta li kien jiehu d-droga Eroina u li kien ilu jaghmel hekk ghal perjodu ta' sitt xhur qabel. Mistoqsi jekk jittraffikax d-droga, u ghaliex instabu tali qratas fil-

hanut, l-imputat m'irrispondix. Huwa nnega li saq ghal fuq il-Pulizija ghaliex qal li ma rahomx.

**Huwa xehed viva voce il-Qorti nhar t-tmintax ta' Lulju 2002** kif jirrizulta a fol 82 tal-atti fejn qal li huwa ghandu l-vizzju tad-droga u li d-droga li nstabet fil-hanut hija tieghu. Meta gie mistoqsi ghaliex kienet f'sachets zghar, huwa wiegeb li dan kien jaghmlu sabiex jikkontrolla kemm kien qed jiehu. Ammetta li kien jixtri bil-kwantita biex jiffranka l-flus. Mistoqsi ghaliex kellu magna tal-issigillar u mizien, l-imputat wiegeb li kien juzahom in konnessjoni max-xoghol tieghu. Mistoqsi ghal x'hiex kien juza l-foil, l-imputat wiegeb li kienu juzah sabiex jahraq l-Eroina fuqha. Mistoqsi kif xtara d-droga bit-tahlita ta' D&C u panadols meta fil-hanut instabu D&C u panadols, hu ma kienx f'posizzjoni li jaghti spjiegazzjoni, pero qal li ma kienx hu li hallatha. L-imputat ma kixifx s-sors minn fejn xtara d-droga.

Illi dwar provi ma jidhirx li hemm aktar u l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hi fis-sens li waqt li l-imputat jammetti li kellu l-pussess tal-Eroina, hu jiddikjara li din kienet ghal uzu esklussiv tieghu. Il-Prosekuzzjoni minn naha l-ohra, issostni li d-droga li nstabet kienet destinata ghal terzi u cioe li l-imputat kellu l-*animus* li jispacca d-droga.

Id-Difiza, ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Settembru 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v Carmel Spiteri, [Appell Numru 307/1998] dwar s-sejba t'ammont ta' droga ghand persuna ma tfissirx li dik il-persuna ghandha l-intenzjoni li tispacca izda dik is-sejba tkun biss prova possibilment cirkostanzjali li wahedha, mhux bizzejjed biex tigi stabbilita htija.

Din il-Qorti tiddikjara li kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx c-cirkostanzi li jwasslu lil gudikant ghal konvinzjoni li d-droga misjuba ma tkunx ghal uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jghamilha l-gudikant fuq il-fatti specie li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule*. X'hinuma dawn ic-cirkostanzi ndikattivi, kollox jiddependi mill-assjem tal-

provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel l-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, il-Qorti tal-Appell Kriminali lanqas ma ghandha tiddisturba tali gudizzju.

Illi mill-provi prodotti ma jirizultax li l-imputat kien dependent fuq d-droga ghalkemm jammetti li kellu dan il-vizzju. Il-Qorti tqis is-sejba ta' droga f'sachets gia ppreparati u cioe fl-ammont ta' sebgha w ghoxrin qartas, bhala ndikattiv li din d-droga ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu. Ma kellux ghalfejn ikun fornut b'din il-kwantita ta' sachets, la darba ma jirrizultax li hu kien vizzjat bil-kbir.

Illi l-imputat ma jghid xejn dwar il-provenjenza tad-droga salv li jghid li gieli jixtri gramma u jhallas ghaxar liri filwaqt jekk jixtri bil-goff jhallas zewg liri ghal gramma. Din il-Qorti ssibha ferm difficili temmen u cioe li hemm differenza daqstant kbira.

Il-fatt li d-droga kienet mohbija fuq wara tal-hanut f'postijiet differenti kienet wkoll fattur korroborattiv tal-intenzjoni tieghu ta' spacc.

Il-fatt li l-imputat harab meta ra lil Pulizija huwa ndikattiv li kellu x'jahbi minnhom.

Il-Qorti rat li mill-fond gew elevati diversi oggetti li setghu gew uzati fl-ippakkjar ta' droga fis-sachets, il-mizien elettroniku, s-sachets u l-boroz. Hawnhekk il-gudikant tistaqsi, jekk l-imputat kien juza d-droga wahdu, xi bzonn kien hemm li parti minnha tkun ippakkjatha ghaliha go sachets differenti, b'mod li hu risaput kif din d-droga tghaddi minn id ghal id, r-resistenza tieghu daqsxejn vjolenti lejn il-Pulizija meta qabduh w arrestawh, il-fatt li baqa dejjem reluttanti li jizvela l-isem tal-persuna jew persni minghand min kien jakkwista d-droga.

Dan hu biss xi ftit mill-fatti u cirkostanzi li juru, fil-fehma tal-Qorti u mill-apprezzament tal-provi li ghamlet, li dan huwa kollu sensiela ta' fatti jew cirtkostanzi univoci u

konkordanti li jaqblu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni u cioe lejn r-responsabbilita kriminali tal-imputat skond l-akkuza dedotta kotnra tieghu.

Dawn huma cirkostanzi li fil-fehma tal-Qorti jwassluha biex tkun moralment konvinta mill-htija tal-imputat [**vide Il-Pulizija v David Gatt** ***- Appell Kriminali numru 305/1997 - deciz nhar s-sbatax ta' Gunju 1998***].

Illi ghalhekk dwar l-ewwel akkuza, il-Qorti tiddikjara li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tippruvaha fil-konfront tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi.
Dwar l-akkuza u cioe li l-imputat saq b'manjiera traskurata u perikoluza, il-Qorti semghet lil WPS 45 Marisa Bartolo tixhed u tispjiega kif l-imputat kien ser jtajjarha bil-karozza u peress li din ix-xhieda ma gietx kontradetta minn hadd lanqas fit-trattazzjoni tad-Difiza, il-Qorti tiddikjara li ssibu hati taghha wkoll.

Dwar l-akkuzi l-ohra, il-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tippruvahom sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk tiddikjara li ma ssibux hati taghhom u tilliberah minnha.

Dwar il-piena l-Qorti rat li

1. l-imputat ghandu fedina penali netta minghajr ebda reat jew kontravenzjoni registrata fuqha;
2. li l-imputat kellu eta pjuttost tenera meta kkommetta dawn r-reati;
3. li dak li qalet l-Ufficjal tas-Sedqa Josette Camilleri dwaru u cioe li l-imputat illum beda programm residenzjali ghar-rihabilitazzjoni tieghu u li fil-fatt kien diga ghamel perjodu ta' hames xhur sa Dicembru 2003 u kien sejjer tajjeb;
4. li dak li qal Michael Grima li jahdem fil-programm tas-Sedqa u cioe li l-imputat qed jikkopera hafna mieghu.

Il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi thoss li hemm fatturi mitiganti ghal x'hiex il-piena karcerarja li ser timponi ghandha tkun lejn il-minimu taghha.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 95, 96, 97 u 338(ee) tal-Kap 9, l-artikolu 65(1) tal-Kap 65 u l-artikolu 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-GN 292/1939.

Tiddikjara li **ssib lil imputat RODERICK VELLA hati ta' pussess tad-droga Eroina, liema pussess ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu u talli saq b'manjiera traskurata u perikoluza fil-konfront tal-Ufficjali tal-Pulizija u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmien xhur u tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuza l-ohra u tilliberah minnhom.**

**In oltre, ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' xahar mill-lum.**

**Oltre dan tinnomina lil analista Godwin Sammut sabiex jirtira u jiddistruggi d-droga esibita f'dawn l-atti bhala dokumenti NC 1 sa NC 4.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------